MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 2557/2000/1

**Josephine Micallef**

**v.**

**Louis Zammit u St. Albans Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attrici, wara illi ppremettiet illi hija proprjetarja tad-dar numru sitta u ghoxrin (26) Triq Santa Rita, Rabat; illi ghall-habta ta’ bejn il-hamsa (5) u s-seba (7) ta’ Awissu 1996 id-dar ta’ l-attrici sofriet hsarat strutturali estensivi konsegwenza ta’ xogholijiet li kienu qed isiru fil-fond adjacenti maghruf bhala ‘ta’ l-Ghajn’, f’Gheriexem Street ir-Rabat proprjetà tal-konvenuti u cioè Louis Zammit, f’ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjetà St. Albans Company Limited; illi l-kuntrattur tax-xogholijiet li kienu qed isiru kien l-istess Louis Zammit f’ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjetà St. Albans Company Limited taht id-direzzjoni tal-Perit u Ingenier Civili Edwin Mintoff u/jew periti impjegati mieghu; illi kif jirrizulta mir-rapport peritali anness, il-hsarat huma sostanzjali u ta’ natura illi maz-zmien hemm probabilità illi jibqghu jizdiedu; illi bhala konsegwenza ta’ dawn il-hsarat, l-attrici già sofriet u ghadha qed issofri danni kbar; illi dan kollu gara minhabba negligenza, traskuragni, nonkuranza imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti da parti tal-konvenuti; illi skond ricevuti ta’ spejjez li digà ntefqu u skond stimi ta’ spejjez illi ghad iridu jintefqu, il-hsara kagjonata mill-konvenuti tammonta ghas-somma ta’ cirka ghaxart elef lira (Lm10,000.00); illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni imma dawn baqghu inadempjenti; talbet ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1. tiddikjara l-konvenuti, jew min minnhom huwa responsabbli ghall-hsarat kagjonat(i) fil-fond ta’ l-attrici u ghad-danni sofferti mill-istess attrici bhala konsegwenza tax-xogholijiet illi saru fuq il-fond adjacenti mal-proprjetà ta’ l-attrici; 2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici bhala konsegwenza ta’ l-imsemmija xogholijiet fis-somma fuq indikata ta’ Lm10,000 jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata jekk hemm bzonn bl-opra ta’ periti nominandi; 3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, ihallsu lill-attrici is-somma fuq indikata ossija is-somma li tigi likwidata; bl-ispejjez kontra l-konvenuti inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-16 ta’ Novembru (*sic*) u tal-mandati kawtelatorji i(p)prezentati kontestwalment ma’ din il-kawza, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:
1. Il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;
2. Illi l-eccipjenti Louis Zammit personalment mhuwiex legittimu kontradittur billi la huwa proprjetarju tal-fond adjacenti ghall-fond ta' l-attrici u lanqas ma huwa minnu li huwa ghamel xi xoghol bhala kuntrattur;
3. Illi fil-meritu it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi u mhux veru li x-xogholijiet li saru fil-fond adjacenti ghal dak ta' l-attrici kkagonaw xi hsarat fil-proprjetà taghha;
4. Illi jekk l-attrici sofriet xi hsarat dawn kienu dovuti unikament ghal nuqqasijiet taghha jew difetti fil-proprjetà taghha;
5. Illi f'kull eventwali (*sic*) u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammonti reklamati mill-attrici huma eccessivi u bla gustifikazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata minn Louis Zammit, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza *in parte* moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' April, 2004 illi permezz taghha l-Qorti cahdet l-ewwel ccezzjoni tal-konvenuti, dik dwar il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici, u irrizervat l-ispejjez relativi ghall-gudizzju finali, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Illi kif jidher il-konvenuti qed jeccepixxu l-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-Artikolu 2153 tal-Kap. 12 [*recte*: 16]. Dan jghid li azzjonijiet ghal hsara mhux kagunata b'reati tkun preskritta wara sentejn. L-artikolu 2137 jghid li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta l-azzjoni tkun se[t]ghet saret.

"F'dan il-kaz, jidher anke mic-citazzjoni li l-hsara lamentata mill-attrici bdiet fl-1996 l-azzjoni saret fl-2000. *Prima facie* ghalhekk il-perjodu preskrittiv ghadda.

Madanakollu hemm diversi fatturi li ghandhom jigu konsiderati qabel jigi deciz dan il-punt.

“L-ewwelnett jidher li saru diversi laqghat bejn il-partijiet assistiti mill-periti rispettivi taghhom bil-ghan li l-vertenza tigi rizolta. Dan ma jfissirx li b’daqshekk il-preskrizzjoni giet interrotta ghaliex tali rinunzja da parti tal-konvenut trid tkun cara. Barra minn hekk jekk jigi argumentat dan, il-partijiet ikunu propensi ma jaghmlux laqghat simili minhabba l-biza li jkunu qed jirrinunzjaw ghall-preskrizzjoni u laqghat simili jsiru dejjem minghajr pregudiizju ghad-drittijiet tal-partijiet.

“Jidher però li l-konvenut ta x’jifhem lill-attrici li kien lest jirranga xi hsarat li seta’ kien hemm anke jekk jidher wkoll li huwa kellu l-impressjoni li l-hsarat kienu zghar. Jidher ukoll li f’laqgha minnhom l-attrici giet konvinta li ma jsirux xogholijiet rimedjali qabel ma jitlesta x-xoghol kollu ghaliex ma jkunx ghaqli li jsir qabel. Dan ikkonfermah ix-xhud Michael Pace fid-deposizzjoni tieghu a fol. 61 tal-process, meta qal:

‘*Minhabba x-xoghol fis-sid (sic) l-iehor sabu xi intoppi allura ahna bqajna li x-xoghol ta’ tiswija fil-bitha ta’ l-attrici jsir hekk kif jintemmu x-xogholijiet kollha*’.

“Anke l-istess konvenut a fol. 35 tal-process ammetta li kien hemm, fi kliemu stess *commitment* da parti tieghu, anke jekk hu dejjem kien qed jitkellem fuq *affarijiet zghar*. Naturalment dwar jekk l-affarijiet fil-verità kienux zghar jew le ghad irid jigi konstatat. Fil-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet *Carmelina Vella - vs - Anthony Borg* deciza fis-16 ta’ Settembru, 1994 intqal illi:

‘*Huwa risaput illi l-preskrizzjoni t*[*i*]*sfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tieghu …*’.

“Il-konvenut ma gab ebda prova ta’ meta intemm ix-xoghol u billi l-eccezzjoni hija tieghu, kien jinkombi fuqu li jgib din il-prova. Mill-provi li ngabru x-xoghol jidher li intemm fil-bidu tas-sena 1999 jew l-aktar kmieni tard fis-sena 1998. Ghalhekk il-konvenut ma issodisfax il-Qorti li

ghadda l-perjodu preskrittiv, *una volta* l-Qorti hija tal-fehma li dan beda jiddekorri meta intemm ix-xoghol ghar-ragunijiet fuq imsemmija”.

Rat ir-rikors ta’ appell tal-konvenut u tas-socjetà konvenuta illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ April, 2004 u illi tilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ghalhekk tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata;

Rat ir-risposta ta’ l-attrici appellata illi permezz taghha issottomettiet illi s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita konferma;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rikors ta’ appell taghhom il-konvenuti jghidu testwalment hekk:

“Illi l-aggravju ta’ l-esponenti huwa car u manifest u jikkonsisti f’li l-ewwel Qorti kellha tilqa’ l-ewwel eccezzjoni u tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta u dan ghar-ragunijiet segwenti”;

Il-konvenuti, imbaghad, jghaddu sabiex jatu r-ragunijiet taghhom ghaliex l-eccezzjoni - illi ssollevaw quddiem l-ewwel Qorti - illi l-azzjoni hija preskritta ma kellhiex tigi respinta.  Minn ezami ta’ dawn ir-ragunijiet jirrizulta illi dak illi qed jissottomettu l-appellanti huwa illi, kuntrarjament ghal dak illi rriteniet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-perijodu preskrittiv, kontemplat mill-artikolu 2153 tal-Kodici Civili minnhom invokat fl-eccezzjoni in ezami, qatt gie interrott.  Din is-sottomissjoni tirrizulta mill-ahhar sentenza, hawn taht citata, tal-paragrafu tar-rikors ta’ appell illi jigi

immedjatament qabel it-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata (fol. 85):
"… b'applikazzjoni tal-principji kollha fuq imsemmija, l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi li l-attrici ma rnexxilhiex tipprova l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni";

Ikkunsidrat:

Illi fil-paragrafu enumerat ghaxra (10) tar-risposta ta' appell taghha l-attrici ssottomettiet hekk (fol. 88-9):
"… ghandu jsir accenn kbir ghall-fatt illi fin-nota ta' eccezzjonijiet minnhom ipprezentata, il-konvenuti appellanti eccepew 'illi f'kull eventwali u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammonti reklamati mill-attrici huma eccessivi u bla gustifikazzjoni' (ir-raba' eccezzjoni). Dan il-fatt wahdu wkoll jammonta ghar-rikonoxximent tad-dejn ghaliex hemm inkompatibilità legali bejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eccezzjoni illi l-ammont reklamat huwa eccessiv";

Tajjeb illi jigi precizat illi l-eccezzjoni illi ccitat fedelment l-attrici fis-silta mir-risposta taghha appena riprodotta hija l-hames (5) u mhux ir-raba' (4) wahda tal-konvenuti;

In sostenn tas-sottomissjoni taghha in ezami , l-attrici ghamlet riferenza ghas-sentenza ta' dina l-Qorti, kif komposta, tas-sittax (16) ta' Frar, 2004 fil-kawza fl-ismijiet *Aluminium Limited vs. Earli Limited*. Huwa utili illi tigi citata s-segwenti silta, pjuttost estensiva, minn dik is-sentenza, ghaliex dak illi jinghad fiha japplika prattikament *in toto* ghall-fini tal-konsiderazzjoni tas-sottomissjoni in ezami:
"Illi, in sostenn ta' l-ewwel aggravju hawn fuq riportat [simili hafna ghas-sottomissjoni in ezami ta' l-attrici appellata] tas-socjetà attrici appellanti, l-abili difensur ta' l-istess socjetà, …, ghamel riferenza gha-sentenza moghtija minn dina l-Qorti (Sede Inferjuri) fid-disgha u ghoxrin ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet *Antonia Attard Gialanzé vs Emanuel Rizzo et*. F'din l-ahhar imsemmija kawza - bhal fil-kawza odjerna - il-konvenuti eccepew:

‘… illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta’ l-artikolu 2148(b) … [fil-kawza odjerna l-artikolu 2153] tal-Kodici Civili, u sussidjarjament u bla pregudizzju fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa esagerat’;

u fis-sentenza li ghadha kemm saret riferenza ghaliha, dina l-Qorti affermat hekk:

‘Dwar is-sottomissjoni ta’ l-appellati li t-tieni eccezzjoni taghhom … [simili ghall-hames eccezzjoni fil-kaz odjern] saret bla pregudizzju, anki hawn hemm insenjament car u cioè illi, (ara wkoll fost ohrajn id-decizjoni *Felice Fenech - vs - Carmelo Bellia* tad-29 ta’ Jannar 1960 moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili),

<<… xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine bla pregudizzju ghall-eccepita preskrizzjoni, in vista tal-principju protestatis [*recte*: protestatio] contra factum non relevat u bil-fatt tieghu stess il-konvenut gie rrinunzja ghall-preskrizzjoni …>>.’

“F’sentenza ohra aktar recenti ta’ dina l-Qorti diversament komposta moghtija fil-hamsa (5) ta’ Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet *Guido J. Vella A. & C.E. vs Dr. Emanuel Cefai LL.D.* intqal hekk:

‘L-eccezzjoni ta’ l-appellant illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohra fosthom dik tal-preskrizzjoni, l-ammont mitlub mill-attur appellat kien esagerat u mhux dovut lilu fl-ammont minnu mitlub, hi inkonsistenti mal-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Din it-tielet eccezzjoni ma tistax ma tiftiehimx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu imma li [hemm] kontestazzjoni tal-quantum’;

“Dina l-Qorti taqbel pjenament mal-principju affermat fiz-zewg (2) sentenzi appena citati u, ghalhekk, hija tal-fehma illi l-aggravju in ezami tas-socjetà attrici appellanti huwa fondat u ghandu jigi milqugh”;

Huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi dina l-Qorti, fl-appell odjern, taqbel mal-kontenut tas-silta appena citata mis-

sentenza *Aluminium Limited vs Earli Limited* u illi, konsegwentement, tikkonsidra s-sottomissjoni in ezami ta' l-attrici appellata bhala wahda valida. Bhala konsegwenza ulterjuri ta' dan, ma hemmx strettament lok illi jigi konsidrat izjed l-aggravju ta' l-appellanti ghaliex, fi kwalunkwe kaz, u ghalkemm ghal raguni differnti minn dik illi tirrizulta mis-sentenza appellata, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici sollevata mill-konvenuti ma tistax tigi akkolta. Pero`, fi kwalunkwe kaz, l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti tal-fatti li wassluha tikkonkludi li kien hemm rikonoxximent u konsegwentement interruzzjoni tal-preskrizzjoni kienet korretta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellanti

Tordna wkoll illi l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghat-trattazzjoni u determinazzjoni tal-kawza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------